

31990D0255

L 145/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.6.1990

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 ta' Mejju 1990

li tistabbilixxi l-kriterji għad-dħul regolat fil-kotba tal-merħliet għan-ngħaġ u mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura

(90/255/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/361/KEEC tat-30 ta' Mejju 1989 li tikkonċerna t-tgħammir tan-ngħaġ u mogħoż ta' razza pura <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4 tagħha,

Billi fl-Istati Membri l-kotba tal-merħliet huma miżmuma jew stabbiliti mill-organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet jew ser-vizzi uffiċjali;

Billi huwa għalhekk neċessarju li jfassal il-kriterja għad-dħul ta' ngħaġ u mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura fil-kotba tal-merħliet;

Billi kondizzjonijiet preċiżi li għandhom x'jaqsmu mat-tgħammir u l-identifikazzjoni jridu jitwettqu qabel id-dħul fil-kotba tal-merħliet;

Billi wieħed għandu jħalli għall-possibbiltà ta' diviżjoni tal-ktieb tal-merħliet f'klassijiet differenti sabiex ċertu tipi ta' annimali ma jkunux esklużi;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq iż-Żuteknika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Biex tikkwalifika għad-dħul fit-taqsimha prinċipali tal-ktieb tat-tgħammir tagħha nagħġa jew mogħża ta' razza pura għandha:

- tkun dixxendenti mill-ġenituri u nanniet mdaħħla fil-ktieb tal-merħliet ta' l-istess nisel,
- tkun identifikata wara t-twelid skond ir-regoli tal-ktieb,
- jkollha *pedigree* stabbilit skond ir-regoli tal-ktieb.

## Artikolu 2

It-taqsimha prinċipali tal-ktieb tal-merħliet tista' tkun maqsuma f'diversi klassijiet b'mod konformi mal-karatteristiċi ta' l-annimali.

(<sup>1</sup>) ĠU L 153, tas-6.6.1989, pġ. 30.

Ngħaġ u mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura biss li jilhqqu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 jistgħu jiddaħħlu f'wieħed mill-klassijiet.

## Artikolu 3

1. Organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li żżomm ktieb tal-merħliet tista' tiddeċiedi li mogħża jew nagħġa tas-sess femminil li ma tilħaqx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 tista' tiddaħħal fl-anness mal-ktieb tal-merħla. Il-mogħża jew nagħġa trid tilħaq l-ħtiġiet li ġejjin:

- tkun identifikata wara t-twelid b'mod konformi mar-regoli tal-ktieb tal-merħla,
- tkun ġudikata li tikkonforma ma' l-*standard* tat-tgħammir,
- jkollha l-karatteristiċi minimi kif stabbilit bir-regoli tal-ktieb tal-merħla.

2. Nagħġa jew mogħża tas-sess femminil ta' liema l-omm u n-nanna maternali huma mdaħħla fl-anness tal-ktieb tal-merħla skond il-paragrafu 1 u ta' liema l-missier u ż-żewġ nanniet huma mdaħħla fit-taqsimha prinċipali tal-ktieb skond l-Artikolu 1, hi meqjusa bħala nagħġa jew mogħża tat-tgħammir ta' razza pura u mdaħħla fit-taqsimha prinċipali tal-ktieb, kif previst fl-Artikolu 1.

3. Il-ħtiġiet msemmiha fit-tieni u t-tielet daħla ta' paragrafu 1 jistgħu jkunu differenzjati skond jekk in-nagħġa jew mogħża li tappartjeni lir-razza imma m'għandhiex oriġini magħrufa jew kienet miksuba minn programm ta' qsim approvat mill-organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet tat-tgħammir.

## Artikolu 4

Organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li żżomm l-ktieb tal-merħla tista' tiddeċiedi li muntun li ma jilħaqx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1, jista' jiddaħħal fl-anness tal-ktieb tal-merħla. Il-muntun jrid jilħaq il-ħtiġiet li ġejjin:

- ikun identifikat wara t-twelid skond ir-regoli tal-ktieb tal-merħla,
- ikun ġudikat li jikkonforma ma' l-*standard* tat-tgħammir,
- ikollu l-karatteristiċi minimi kif stabbilit bir-regoli tal-ktieb tal-merħla.
- jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Annex.

## Artikolu 5

Billi ktieb ikollu diversi klassijiet, nagħġa jew mogħża tat-tgħammir ta' razza pura minn ktieb ta' merħla oħra ta' l-istess razza u li jkollha l-karatteristiċi speċifiċi li jiddistingwuha minn

popolazzjoni ta' l-istess razza minn ktieb tal-merħla ta' destinazzjoni għandu jkun imdaħħal fit-taqsimha tal-ktieb ta' liema karatteristiċi huwa jilħaq.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Mejju 1990.

*Għall-Kummissjoni*

Ray MAC SHARRY

*Membri tal-Kummissjoni*

## ANNEX

**Kondizzjonijiet previsti fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 4**

Il-muntun irid ikun minn razza "ta' stoffa" ta' nġhaġ li mhumiex normalment intiżi għall-produzzjoni tal-ħalib u jrid jiġi minn wieħed mir-razez li ġejjin:

Alacarrena  
Appenninica  
Bergamasca  
Biellese  
Blackface  
Campanica  
Cheviot  
Churra Algarvia  
Churra de Terra Quente  
Dalesbred  
Dartmoor  
Derbyshire Gritstone  
Exmoor Horn  
Eppynt Hill u Beulah Speckled Face  
Galega Bragancana  
Gallega  
Gentile di Puglia  
Gotland  
Hardwick  
Lonk  
Merina  
Merino Beira Baixa  
Merino Branco  
Montesina  
North Country Cheviot  
Ojalada  
Resa Aragonesa  
Ripollesa  
Ronaldsay  
Rough Fell  
Segurena  
Shetland  
Soay  
Sopravissana  
St Kilda  
Swaledale  
Talaverana  
Welsh Mountain

---